

# Il-Ġurnal Uffiċjali

# C 57 A

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

### Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

9 ta' Marzu 2010

Avviż Nru

Werrej

Paġna

V *Opinjoni*

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

**L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)**

2010/C 57 A/01

Gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali ..... 1

**MT**

Prezz: 3 EUR



## V

(Opinjoniġiet)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-GĦAŻLA TAL-PERSUNAL  
(EPSO)

## GWIDA APPLIKABBLI GĦALL-KOMPETIZZJONIJIET ĠENERALI

(2010/C 57 A/01)

Din il-gwida hija parti integrali tal-avviż ta' kompetizzjonijiet u l-kandidati għandhom jaqrawha bir-reqqa

## WERREJ

	<i>Paġna</i>
1. INTRODUZZJONI	3
1.1 X'INHI KOMPETIZZJONI ĠENERALI?	3
1.2 LIEMA HU L-PROFIL ĠENERALI MFITTEX?	3
2. KIF TISTA' TAPPLIKA?	4
2.1. ISKRIZZJONI B'MOD ELETTRONIKU	4
2.1.1. OĦLOQ IL-KONT EPSO TIEGĦEK	4
2.1.2. IVVERIFIKA LI TISSODISFA L-KUNDIZZJONIJIET TA' ISKRIZZJONI U DĦUL GĦALL-KOMPETIZZJONI	4
2.1.3. APPLIKA B'MOD ELETTRONIKU	5
2.1.3.1. IL-PROĊEDURA TAL-ISKRIZZJONI	5
2.1.3.2. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAT-TESTIJET U L-EŻAMIJIET	5
2.1.4. KAŻIJET TA' ESKLUŻJONI MARBUTA MAL-ISKRIZZJONI	6
2.2. TRAŻMISSJONI TAL-FAJL TA' ISKRIZZJONI KOMPLUT	6
2.2.1. X'INHU FAJL TA' ISKRIZZJONI KOMPLUT?	6
2.2.2. MIN JISTA' JISSOTTOMETTI DAN IL-FAJL TA' ISKRIZZJONI?	6
2.2.3. KIF TISTA' TIPPREŻENTA L-FAJL TIEGĦEK?	7
2.2.4. LIEMA DOKUMENTI ĠUSTIFIKATIVI/TA' PROVA GĦANDHOM JIĠU MEHMUŻA MAL-FAJL TA' ISKRIZZJONI KOMPLUT?	7
2.2.4.1. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI	7
2.2.4.2. DOKUMENTI TA' PROVA GĦALL-KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI	7
2.2.4.3. DOKUMENTI TA' PROVA GĦALL-KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI	8
2.2.4.4. DOKUMENTI TA' PROVA GĦALL-GARFIEN LINGWISTIKU (JEKK MEH-TIEĠ MILL-AVVIŻ TAL-KOMPETIZZJONI)	8
3. KOMUNIKAZZJONI	9
3.1. EPSO: KOMUNIKAZZJONI MAL-KANDIDATI	9
3.2. KANDIDATI: KOMUNIKAZZJONI MAL-EPSO	9

	<i>Pàgna</i>
4. TESTIJJET TA' DĦUL GĦALL-KOMPETIZZJONI	9
4.1. X'INHU TEST TA' DĦUL?	9
4.2. KIF TIŻVOLĠI L-PROCĊEDURA?	9
5. STADJI FIL-KOMPETIZZJONI	10
5.1. EŻAMI TAL-ISKRIZZJONIJIET	10
5.2. ĊENTRI TA' EVALWAZZJONI	10
5.3. LISTA TA' RIŻERVA	11
6. INFORMAZZJONI ĠENERALI	11
6.1. TALBIET GĦAL INFORMAZZJONI	11
6.2. TALBIET GĦAL REVIŻJONI	12
6.3. PROCĊEDURI TA' APPELL	12
6.4. ILMENT LILL-OMBUDSMAN EWROPEW	14
7. REKLUTAĠĠ	14
8. MIXXELLANJI	14

## 1. INTRODIZZJONI

### 1.1. X'INHI KOMPETIZZJONI ĠENERALI?

L-istituzzjonijiet Ewropej jagħżlu l-uffiċjali futuri tagħhom permezz ta' kompetizzjoni ġenerali. Il-kompetizzjonijiet ġenerali jinvolvu serje ta' eżamijiet li fihom il-kandidati jikkompetu. Dawn il-kompetizzjonijiet huma miftuħa għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea li jissodisfaw il-kriterji mitluba. Din il-proċedura toffri lill-kandidati kollha opportunità indaqs li juru l-kapaċitajiet tagħhom u tigarantixxi għażla bbażata fuq il-mertu, fir-rispett tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

Il-kandidati li jgħaddu l-kompetizzjoni jinkitbu f'lista ta' riżerva li minnha l-istituzzjonijiet jieħdu kandidati skont il-bżonnijiet tagħhom. Għalhekk din ma tirrigwardax il-proviżjoni ta' post speċifiku, iżda li tiġi f'furmata lista ta' riżerva għar-reklutaġġ.

Sabiex jintagħżlu l-aħjar kandidati abbażi tal-kundizzjonijiet definiti fl-avviż tal-kompetizzjoni, tiġi nnominata ġurija <sup>(1)</sup>. Din tqabbel il-ħiliet tal-kandidati sabiex tiġi evalwata l-ħila tagħhom li jissodisfaw il-funzjonijiet deskritti fl-avviż. Għalhekk mhux biss għandha tevalwa l-livell tal-għarfien, iżda wkoll tippermetti li tidentifika l-persuni li huma l-iktar ikkwalifikati abbażi tal-mertu tagħhom.

Il-kompetizzjonijiet jistgħu jiġu organizzati:

- kemm fil-qafas ta' ċikli annwali,
- kif ukoll skont il-bżonnijiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet.

### 1.2. LIEMA HU L-PROFIL ĠENERALI MFITTEX?

L-istituzzjonijiet ifittxu kandidati b'talenti, motivati u ikkwalifikati ħafna fil-qasam tagħhom, u li għandhom b'mod partikolari dawn il-kompetenzi li ġejjin:

<b>Analiżi u soluzzjoni tal-problemi</b>	Identifikazzjoni tal-fatti importanti fi ħdan il-problemi kumplessi u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet kreattivi u prattiċi.
<b>Komunikazzjoni</b>	Komunikazzjoni b'mod ċara u preċiża, kemm fl-oral kif ukoll bil-miktub.
<b>Provediment tal-Kwalità u tar-Riżultati</b>	Impenn tar-responsabbiltà personali u teħid ta' inizzjattivi meħtieġa għall-provediment ta' xogħol ta' kwalità għolja skont il-proċeduri stabbiliti.
<b>Tagħlim u żvilupp</b>	Żvilupp u titjib tal-ħiliet personali kif ukoll l-għarfien tal-organizzazzjoni u tal-ambjent tax-xogħol tagħha.
<b>Tfassil tal-prijoritajiet u organizzazzjoni</b>	L-għoti ta' prijorità għall-inkarigi l-iktar importanti, flessibilità fix-xogħol u organizzazzjoni b'mod effiċjenti tax-xogħol proprju.
<b>Perseveranza</b>	Żamma tal-effiċjenza taħt pressjoni għolja tax-xogħol, ġestjoni pożittiva tal-frustrazzjonijiet organizzattivi u adattament għal ambjent ta' xogħol li dejjem jinbidel.
<b>Ħidma ma' persuni oħra</b>	Ħidma f'kooperazzjoni ma' persuni oħra fi ħdan timijiet u b'mod transversali u rispett għad-differenzi bejn l-individwi.

<sup>(1)</sup> L-ismijiet tal-membri tal-ġurija huma ppubblikati fuq il-websajt tal-EPPO ([www.eu-careers.eu](http://www.eu-careers.eu)) qabel iċ-Ċentru ta' Evalwazzjoni.

**Kompetenza addizzjonali tapplika għall-karriera AD (amministraturi)**

<b>Tmexxija</b>	Ġestjoni, żvilupp u motivazzjoni tal-persunal biex jinkisbu riżultati.
-----------------	--

**2. KIF TISTA' TAPPLIKA?**

Iskrizzjoni għal kompetizzjoni tinkludi 2 fażijiet:

1. L-ewwel, l-iskrizzjoni b'mod elettroniku;
2. Fi stadju ulterjuri, it-trażmissjoni ta' fajl ta' iskrizzjoni komplut. Ħlief jekk indikat mod ieħor fl-avviż ta' kompetizzjoni, dan il-fajl ta' iskrizzjoni komplut jintbagħat biss jekk tintalab biex tagħmel dan permezz tal-Kont EPSO tiegħek.

**2.1. ISKRIZZJONI B'MOD ELETTRONIKU**

<ol style="list-style-type: none"> <li>1. Oħloq il-kont EPSO tiegħek <b>jekk għadek m'għamiltx dan.</b></li> <li>2. Iverifika bir-reqqa li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' iskrizzjoni u ta' dħul għall-kompetizzjoni.</li> <li>3. Għamel it-testijiet interattivi li huma proposti lilek.</li> <li>4. Imla' l-applikazzjoni elettronika.</li> <li>5. Ivalida u ssottometti l-iskrizzjoni tiegħek b'mod elettroniku fiż-żmien meħtieġ.</li> </ol>
--

**2.1.1. OĦLOQ IL-KONT EPSO TIEGĦEK <sup>(?)</sup>**

Meta tkun qed tirreġistra l-iskrizzjoni tiegħek, jiġi propost lilek li tidħol fil-Kont EPSO tiegħek eżistenti, jew, **jekk għadek ma hloqtx wieħed**, toħloq wieħed billi ssegwi l-istruzzjonijiet onlajn. Biex tagħmel dan, għandu jkollok indirizz email validu u attiv.

Il-Kont EPSO jservi bħala interface elettroniku bejn l-EPSO u l-kandidati. Huwa jippermetti l-komunikazzjoni magħhom, li tinżamm u tiġi aġġornata d-dejta personali tagħhom kif ukoll jinżamm rekord tal-iskrizzjonijiet tagħhom, skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta.

**M'intix awtorizzat li toħloq iktar minn kont EPSO wieħed** (ara wkoll il-punt 2.1.4 ta' din il-gwida). Dan il-kont **uniku** jibqa' validu għall-applikazzjonijiet kollha futuri.

**2.1.2. IVVERIFIKA LI TISSODISFA L-KUNDIZZJONIJIET TA' ISKRIZZJONI U DĦUL GĦALL-KOMPETIZZJONI**

Qabel kwalunkwe iskrizzjoni, għandek tivverifika bir-reqqa jekk:

1. il-kompetizzjoni/il-qasam/is-settur/ l-għażla li għalih/ħa tixtieq tapplika hijiex inkompatibbli ma' oħrajn. Fil-fatt, ma tistax, f'ċerti każijiet, tirreġistra għal iktar minn kompetizzjoni/il-qasam/is-settur/ l-għażla waħda (ara wkoll il-punt 2.1.4 ta' din il-gwida). Dawn l-inkompatibbiltajiet huma msemminjati fl-avviż tal-kompetizzjoni.
2. inti tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' dħul, kemm dawk ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi, li jfisser li għandek tkun familjari, minn qabel, tal-avviż tal-kompetizzjoni u ta' din il-gwida u taċċetta l-kundizzjonijiet tagħha.

Għalkemm l-avviżi tal-kompetizzjonijiet ma jistipulawx limitu ta' età, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tiegħek għall-età ta' rtirar stabbilita mir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il-quddiem ir-Regolament tal-Persunal (disponibbli fuq il-websajt tal-EPSO).

(?) Termini mniżżel fi tliet lingwi fuq il-websajt tal-EPSO:  
 DE (Ġermaniż): EPSO-Konto,  
 EN (Ingliż): EPSO account,  
 FR (Franċiż): compte EPSO.

### 2.1.3. APPLIKA B'MOD ELETTRONIKU

#### 2.1.3.1. IL-PROCĊEDURA TAL-ISKRIZZJONI

Biex tirreġistra, jekk jogħġbok segwi l-istruzzjonijiet relatati mal-istadji diversi tal-proċedura ppubblikati fuq il-websajt tal-EPPO.

Jista' jkun li jiġi propost li tgħaddi, bħala prova, minn ġabra ta' testijiet interattivi. Nirrakkomandaw ħafna li tagħmilhom minħabba li jagħtuk idea tal-livell meħtieġ għat-testijiet ta' dħul għal din il-kompetizzjoni.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tieħu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex l-iskrizzjoni elettronika tiġi finalizzata fl-iskadenza stabbilita. Nagħtuk il-parir li ma tistennix l-aħħar ġranet biex tapplika minħabba li problemi ta' konġestjoni eċċezzjonali tal-linji jew kwalunkwe nuqqas tal-konnessjoni tal-Internet jista' jwassal biex ikollok tirrepeti l-operazzjoni tal-iskrizzjoni elettronika, operazzjoni li tkun impossibbli wara d-data tal-iskadenza.

Barra minn hekk, innota li l-proċedura ta' iskrizzjoni proprja tista' tirrikjedi xi ħin minħabba d-dettalji kollha li jridu jimtlew. L-informazzjoni mitluba tirrigwarda notevolment:

- id-diplomi/taħriġ tiegħek: il-qasam, il-perjodi ta' studju, il-livell tagħhom u d-data/dati meta ġibt id-diploma/diplomi,
- l-esperjenza professjonali tiegħek (jekk din hija meħtieġa): l-isem u l-indirizz ta' min iħaddmek, in-natura tal-funzjonijiet tiegħek, id-data ta' bidu u ta' tmiem tal-istess funzjonijiet,
- l-għarfien lingwistiku tiegħek,
- il-motivazzjoni tiegħek (għandha tiġi spjegata).

Nissuġġerixxu b'mod partikolari li tiġbor din l-informazzjoni kollha **qabel** ma tibda l-proċedura.

Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tiegħek ukoll għall-fatt li huwa importanti ħafna li timla din l-informazzjoni bir-reqqa u li tiżgura li jkunu preċiżi u vverifikati minn dokumenti ta' prova, skont il-modalitajiet deskritti fl-avviż tal-kompetizzjoni. **Fil-każ li, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, ikun stabbilit li xi informazzjoni mogħtija fl-iskrizzjoni ma tkunx korretta jew mhux ippruvata minn dokumenti ta' prova rilevanti (ara l-punt 2.2.4 ta' din il-gwida), tiġi skwalifikat mill-kompetizzjoni.**

Ladarba tkun invalidajt l-iskrizzjoni vverifikata minnek, ma tkunx tista' tbiddilha, minħabba li d-dejta relatata magħha tiġi trattata immedjatament minn EPPO għall-organizzazzjoni ta' dawn il-kompetizzjonijiet. Biex taġġorna d-dejta personali tiegħek, ara l-punt 2.1.1.

Kwalunkwe diffikultà teknika għandha tiġi indikata mill-iktar fis possibbli permezz tal-formola ta' kuntatt ippubblikata fuq il-websajt tal-EPPO.

#### 2.1.3.2. DISPOŻIZZJONIJET SPEĊJALI GĤAT-TESTIJET U L-EŻAMIJET

##### a) Mal-iskrizzjoni

Jekk għandek diżabbiltà jew jekk jinsab f'sitwazzjoni partikolari li tista' toħloq diffikultajiet waqt l-eżamijiet, għandek timmarka l-kaxxa korrispondenti fl-iskrizzjoni elettronika u tindika l-miżuri li tqis neċessarji biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tiegħek fit-testijiet u l-eżamijiet diversi.

Jekk jogħġbok iġbhat, malajr kemm jista' jkun wara l-iskrizzjoni elettronika tiegħek — skont il-każ — iċ-ċertifikat mediku jew dikjarazzjoni ta' entità kompetenti li tiċċertifika l-kundizzjoni tiegħek bħala persuna b'diżabbiltà:

- jew bil-posta elektronika lil: [EPPO-accessibility@ec.europa.eu](mailto:EPPO-accessibility@ec.europa.eu),
- jew bil-faks lil: **+32 22998081**, bl-indikazzjoni "EPPO accessibility",

— jew bil-posta f'dan l-indirizz li ġej:

European Personnel Selection Office (EPSO)  
"EPSO accessibility"  
C-25  
1049 Brussels  
Belgium

**bl-indikazzjoni obbligatorja tan-numru tal-kompetizzjoni kif ukoll in-numru tiegħek tal-kandidat.**

Wara li jiġu studjati d-dokumenti ta' prova, jistgħu jiġu adottati dispożizzjonijiet speċifiċi u adattati għal kull każ sabiex kemm jista' jkun jiġu sodisfatti t-talbiet meqjusa ġġustifikati.

b) *Wara l-iskrizzjoni*

Jekk iċ-ċirkostanzi deskritti fil-punt 2.1.3.2 a) jinqalgħu wara d-data ta' għeluq stabbilita għar-reġistrazzjoni elettronika, għandek tinnotifika lill-EPSO malajr kemm jista' jkun. Jekk jogħġbok indika bil-miktub id-dispożizzjonijiet li tqis neċessarji u ibgħat id-dokumenti ta' prova rilevanti bil-posta elettronika, bil-faks jew bil-posta (ara d-dettalji fil-punt 2.1.3.2 a) t'hawn fuq).

**2.1.4. KAŻIJET TA' ESKLUŻJONI MARBUTA MAL-ISKRIZZJONI**

EPSO jiżgura r-rispett tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Għalhekk jekk, irrispettivament minn liema stadju tal-proċedura, EPSO jinnota li:

- ħloqt iktar minn kont EPSO wieħed,
- applikajt għal kompetizzjonijiet/oqsma/setturi/għażliet inkompatibbli,
- ipprovdejt dikjarazzjonijiet foloz,

tiġi eskluż mill-kompetizzjonijiet ikkonċernati.

Kwalunkwe frodi jew tentativ ta' frodi tista' tiġi suġġetta għal sanzjonijiet eventwali. F'dan ir-rigward, qed tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li biss dawġ il-persuni li juru l-ikbar integrità jiġu rekrutati mill-istituzzjonijiet.

**2.2. TRAŻMISSJONI TAL-FAJL TA' ISKRIZZJONI KOMPLUT**

**2.2.1. X'INHU FAJL TA' ISKRIZZJONI KOMPLUT?**

Dan huwa fajl li jinkludi kopja tal-iskrizzjoni tiegħek iffirmata kif ukoll id-dokumenti ta' prova kollha meh-tieġa.

**2.2.2. MIN JISTA' JISSOTTOMETTI DAN IL-FAJL TA' ISKRIZZJONI?**

Ħlief jekk jiġi indikat mod ieħor fl-avviż tal-kompetizzjoni, huma biss dawġ il-kandidati li jgħaddu f'dan l-istadju u li, permezz tal-kont EPSO tagħhom, **jiġu mistiedna espressament jibgħatuh.**



### 2.2.3. KIF TISTA' TIPPREŻENTA L-FAJL TIEGĦEK?

- 1) Ipprintja, mill-Kont EPSO tiegħek, l-iskrizzjoni elettronika vvalidata li ppreżentajt elettronikament;
- 2) iffirmaha bil-kitba fil-kaxxa maħsuba għal dan il-għan;
- 3) ehmeż id-dokumenti ta' prova kollha meħtieġa (ara l-punt 2.2.4) nnumerati minn qabel;
- 4) ehmeż indiċi nnumerat tad-dokumenti ta' prova kollha annessi mal-fajl tiegħek;
- 5) ippreżenta l-fajl tiegħek skont il-kundizzjonijiet u fiż-żmien indikati fl-istedina tiegħek jew fl-avviż tal-kompetizzjoni.

Jekk m'huwiex speċifikat fl-avviż tal-kompetizzjoni li l-fajl għandu jintbagħat b'mod parallel mal-iskrizzjoni elettronika, EPSO ma tikkunsidrahx, u lanqas tibgħat lura l-fajls ippreżentati mingħajr stedina speċifika. Skont ir-regoli tal-protezzjoni tad-dejta, dawn il-fajls jiġu meqruđa.

### 2.2.4. LIEMA DOKUMENTI ĠUSTIFIKATIVI/TA' PROVA GħANDHOM JIĠU MEHMUŻA MAL-FAJL TA' ISKRIZZJONI KOMPLUT?

#### 2.2.4.1. DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

Tissottomettix dokumenti oriġinali, iżda biss fotokopji mhux iċċertifikati tad-dokumenti mitluba għandhom jiġu meħmuża. Ir-referenzi għal websajts mhumiex meqjusa dokumenti fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Paġni pprintjati minn websajts mhumiex meqjusa bħala dikjarazzjonijiet, iżda jistgħu jiġu meħmuża **biss bħala informazzjoni addizzjonali**.

Biex timla l-iskrizzjoni tiegħek, ma tistax tirreferi għal iskrizzjonijiet oħra jew dokumenti oħra meħmuża ma' iskrizzjonijiet preċedenti. Ma jingħataw lura ebda dokumenti mid-diversi iskrizzjonijiet.

Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tiegħek għall-fatt li l-kandidati li jgħaddu u jinkitbu fuq il-lista ta' riżerva li jirċievu offerta ta' impjieg iridu, qabel ma jiġu rreklutati, jippreżentaw id-dokumenti oriġinali biex jiġu vverifikati.

#### 2.2.4.2. DOKUMENTI TA' PROVA GħALL-KUNDIZZJONIJET ĠENERALI

Biex tiġġustifika li:

— **għandek iċ-ċittadinanza meħtieġa:**

jekk jogħġbok ehmeż kopja ta' dokument li juri iċ-ċittadinanza (eż: passaport, karta tal-identità jew kwalunkwe dokument uffiċjali ieħor li jsemmi espliċitament iċ-ċittadinanza tiegħek, **li għandu jkun validu fl-iskadenza stipulata għall-iskrizzjoni elettronika**).

Ebda dokument m'hu meħtieġ f'dan l-istadju biex jiġġustifika li:

- **tgawdi mid-drittijiet kollha tiegħek bħala ċittadin,**
- **wettaqt kull obbligu impost fuqek mil-liġijiet dwar is-servizz militari,**
- **tipproduċi r-referenzi ta' karattru xierqa meħtieġa biex taqdi d-dmirijiet previsti.**

Huwa permezz tal-firma tal-iskrizzjoni tiegħek li tiċċertifika fuq l-unur tiegħek li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet. **Għalhekk huwa obbligatorju li tiffirma l-applikazzjoni.**

#### 2.2.4.3. DOKUMENTI TA' PROVA GĦALL-KUNDIZZJONIJET SPEĊIFIĊI

Hija r-responsabbiltà tiegħek li ttipprovdi lill-ġurija l-informazzjoni u d-dokumenti kollha li jippermettulha tivverifika li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-avviż tal-kompetizzjoni fid-data stipulata fih.

1. **Diploma** u/jew ċertifikati li juru t-tmiem b'suċċess tal-istudji. Għad-diplomi post-sekondarji, ehmeż l-aktar informazzjoni dettaljata possibli, b'mod partikolari dwar is-suġġetti studjati u t-tul ta' żmien li ġew studjati, sabiex il-ġurija tkun tista' tevalwa r-rilevanza tad-diploma tiegħek fid-dawl tan-natura tal-kariga. Jekk segwejt taħriġ tekniku jew professjonali, jew kors ta' perfezzjonament jew ta' speċjalizzazzjoni, għandek tindika jekk dan kien kors full-time, kors part-time jew kors ta' filgħaxija, kif ukoll is-suġġetti trattati u t-tul ta' żmien tal-istudji tiegħek.

F'dan ir-rigward, il-ġurija se tqis l-istrutturi differenti ta' tagħlim. Fil-websajt tal- EPSO issib eżempji ta' kwalifiki minimi meħtieġa skont il-kategorija. Madankollu, kundizzjonijiet iktar eżiġenti jistgħu jiġu imposti mill-avviż tal-kompetizzjoni.

2. **Esperjenza professjonali** (jekk meħtieġa mill-avviż tal-kompetizzjoni)

Huwa importanti li jingħataw l-aktar dettalji possibbli dwar in-natura tal-funzjonijiet li għandhom jitwettqu sabiex il-ġurija tkun f'pożizzjoni li tevalwa r-rilevanza tal-esperjenza tiegħek meta mqabbla man-natura tal-funzjonijiet. Il-perjodi kollha ta' attività professjonali kkonċernati għandhom ikunu koperti mid-dokumenti ta' prova li ġejjin:

- dikjarazzjonijiet minn dawk li kienu jimpjegawk fil-passat kif ukoll minn min qed jimpjegawk fil-preżent li juru l-esperjenza professjonali meħtieġa għad-dħul għall-kompetizzjoni; dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isemmu n-natura tal-inkarigi mwettqa kif ukoll id-data tal-bidu u tat-tmiem, kif ukoll il-livell tagħhom;
- jekk ma tistax tehmeż id-dikjarazzjonijiet dwar ix-xogħol minn dawk li kienu jimpjegawk, tista' tissostitwihom b'fotokopji tal-kuntratt(i) tax-xogħol tiegħek flimkien mal-ewwel u l-aħħar irċevuta tal-paga iżda dawn iridu jkunu akkumpanjati minn deskrizzjoni dettaljata tal-kompiti mwettqa;
- għall-attivitàjiet professjonali indipendenti (eż: impjeg għal rasek jew attività professjonali għal rasek), jistgħu jiġu aċċettati bħala provi kontinwi jew formoli ta' ordnijiet li jiddeskrivu l-kompiti mwettqa jew kull dokument uffiċjali ta' prova ieħor li hu relevanti;
- biss għall-kompetizzjonijiet għall-interpreti ta' konferenzi, fejn l-esperjenza professjonali hija meħtieġa, jiġu kkunsidrati biss id-dokumenti li jippruvaw li l-esperjenza tirrigwarda speċifikament **l-interpretazzjoni ta' konferenzi** u bl-indikazzjoni ċara tan-numru ta' ġranet kif ukoll il-lingwi ta' interpretazzjoni.

#### 2.2.4.4. DOKUMENTI TA' PROVA GĦALL-GARFIEN LINGWISTIKU (JEKK MEĦTIEĠ MILL-AVVIŻ TAL-KOMPETIZZJONI)

Ġeneralment m'huwa meħtieġ l-ebda dokument ta' prova għal din il-kundizzjoni, ħlief għal ċerti kompetizzjonijiet għal-lingwisti (jekk jogħġbok irreferi għall-avviż tal-kompetizzjoni). Fil-każ ta' dawn il-kompetizzjonijiet u skont l-avviż tal-kompetizzjoni, l-għarfien tal-lingwi meħtieġ għandu jkun ippruvat minn diploma jew minn nota fuq karta separata li tispjega kif ksibt l-għarfien ta' dawn il-lingwi.

### 3. KOMUNIKAZZJONI

Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza u l-komprensjoni tat-testi ta' natura ġenerali u tal-komunikazzjonijiet indirizzati lill-kandidati jew irċevuti minn dawn tal-aħħar, il-konvokazzjonijiet għat-testijiet u eżamijiet differenti, kif ukoll kull korrispondenza bejn l-EPPO u l-kandidati se jkunu biss **bil-Ġermaniż, bl-Ingliż jew bil-Franċiż**.

#### 3.1. EPPO: KOMUNIKAZZJONI MAL-KANDIDATI

Ir-riżultati u s-sejħiet kollha jiġu kkomunikati lilek biss permezz tal-kont EPPO tiegħek.

Jeħtieġ li ssegwi l-progress tal-kompetizzjoni u tivverifika l-informazzjoni li tikkonċernak, billi tikkonsulta l-profil tiegħek tal-EPPO regolarment, **minn tal-anqas darbtejn fil-ġimgħa**.

Jekk ma tistax tivverifika din l-informazzjoni, **hija r-responsabbiltà tiegħek li tinnotifika immedjatament lill-EPPO b'dan il-fatt (ara l-punt 3.2 hawn taħt)**.

Tista' tiġi kkonsultata informazzjoni ġenerali dwar l-istadji tal-kompetizzjoni fuq il-websajt tal-EPPO (**www.eu-careers.eu**).

#### 3.2. KANDIDATI: KOMUNIKAZZJONI MAL-EPPO

Tista' tindirizza kull korrispondenza lill-EPPO permezz tal-formula ta' kuntatt ippubblikata fuq is-sit, wara li tkun ivverifikajt li l-informazzjoni meħtieġa la tinsab fl-avviż tal-kompetizzjoni, la f'dan id-dokument, la fil-websajt tal-EPPO u lanqas fil-"mistoqsijiet li jsiru ta' spiss" <sup>(3)</sup>.

Sabiex tiġi garantita l-indipendenza tal-ġurija, l-intervenzjonijiet kollha diretti jew indiretti tal-kandidati huma pprojbti u jistgħu jwasslu għall-esklużjoni mill-kompetizzjoni. Kull korrispondenza għall-attenzjoni tal-ġurija għandha tiġi indirizzata esklussivament lil EPPO, li tgħaddiha lill-ġurija.

EPPO jiżgura l-iskrizzjoni tal-prinċipji tal-kodiċi ta' mġiba amministrattiva tajba, b'mod partikolari fil-korrispondenza tiegħu mal-kandidati <sup>(4)</sup>. Madankollu, skont dawn l-istess prinċipji, EPPO jirriserva d-dritt li jwaqqaf kull korrispondenza jekk din li tasal mill-kandidati tkun abbużiva, repetittiva, skandaluża u/jew irrelevant.

**Kull korrispondenza dwar iskrizzjoni magħmula f'isem partikolari għandha ssemmi dan l-isem, in-numru tal-kompetizzjoni u n-numru li nġhata meta saret l-iskrizzjoni elettronika.**

### 4. TESTIJET TA' DĦUL GĦALL-KOMPETIZZJONI

#### 4.1. X'INHU TEST TA' DĦUL?

Fil-każ tal-kompetizzjonijiet li jipprovdu għal testijiet ta' dħul, l-EPPO torganizza testijiet li jagħtu aċċess għall-kompetizzjonijiet ġenerali skont il-kundizzjonijiet imħabbra fl-avviż tal-kompetizzjoni. Dawn isiru fuq kompjuter, f'ċentri speċjalizzati f'dan it-tip ta' testijiet.

#### 4.2. KIF TIŻVOLĠI L-PROCĊEDURA?

Jekk inti tissodisfa l-kriterji meħtieġa mill-avviż tal-kompetizzjoni biex tipparteċipa għat-testijiet ta' dħul, inti tiġi mistieden, permezz tal-kont EPPO tiegħek, biex tiriserva data f'perjodu determinat li jiġi kkomunikat lilek fl-istedina. Fil-prinċipju, jiġu offeriti diversi possibilitajiet ta' dati u ta' ċentri.

<sup>(3)</sup> Deskritti taħt it-terminu "FAQ" fil-websajt tal-EPPO.

<sup>(4)</sup> ĠU L 267, 20.10.2000, p. 63.

Il-lista ta' dawn iċ-ċentri, imqassma fuq it-territorju tal-Unjoni Ewropea (u eventwalment f'ċerti pajjiżi terzi), tiġi kkomunikata lilek permezz tal-kont EPSO tiegħek. Id-disponibbiltà ta' ċerti dati f'ċerti ċentri tista' tkun limitata jekk in-numru ta' kandidati previsti għal dawn iċ-ċentri m'huwiex għoli.

Skont il-kompetizzjoni li tkun applikajt għaliha, dawn it-testijiet jistgħu jinkludu dawn l-elementi li ġejjin:

- test ta' raġunament verbali;
- test ta' raġunament numeriku;
- test ta' raġunament astratt;
- test(ijiet) fil-qasam magħżul.

Matul il-fażi tat-testijiet ta' dħul, dan it-test jista' jiġi organizzat ukoll:

- test ta' valutazzjoni sitwazzjonali.

Sabiex tkun tista' tiffamiljarizza ruħek mal-proċedura ta' test bil-kompjuter, se tiġi inserita hyperlink ma' taħriġ didattiku u mudell tat-test fl-ittra ta' stedina tiegħek.

Il-korrezzjoni tat-testijiet ta' dħul issir bil-kompjuter.

## 5. STADJI FIL-KOMPETIZZJONI

### 5.1. EŻAMI TAL-ISKRIZZJONIJIET

#### **Eżami:**

1. tal-ammissibbiltà tal-iskrizzjoni;
2. tal-kundizzjonijiet ġenerali;
3. tal-kundizzjonijiet speċifiċi.

EPSO jivverifika jekk l-iskrizzjoni tiegħek hijiex ammissibbli, jiġifieri jekk ġietx ippreżentata qabel l-iskadenza u skont il-kundizzjonijiet definiti fl-avviż tal-kompetizzjoni. Huma biss dawk il-kandidati li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet li jiġu kkunsidrati.

Jekk l-iskrizzjoni tiegħek hija ammissibbli, isir eżami tal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi, skont il-kundizzjonijiet tal-avviż tal-kompetizzjoni, abbażi tal-informazzjoni miġbura fl-att ta' iskrizzjoni ppreżentat b'mod elettroniku, billi din il-ġabra ta' informazzjoni tiġi vverifikata fi stadju ulterjuri abbażi tad-dokumenti ta' prova. F'ċerti kompetizzjonijiet, dan l-eżami jsir direttament fuq il-bażi tad-dokumenti ta' prova.

**Il-kundizzjonijiet kollha ta' dħul, kemm ġenerali kif ukoll speċifiċi, għandhom jintlew fid-data/i stabbilita/i fl-avviż tal-kompetizzjoni.**

Jiġu kkunsidrati biss l-iskrizzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-avviż tal-kompetizzjoni.

### 5.2. ĊENTRI TA' EVALWAZZJONI

Fil-qafas tal-proċeduri ġodda ta' kompetizzjonijiet, EPSO juża mudell "Ċentru ta' Evalwazzjoni", ibbażat fuq il-kompetenzi. Dan il-mudell intaġħel mill-istituzzjonijiet sabiex jiġu identifikati l-kandidati l-iktar xierqa u l-iktar kompetenti għall-profil meħtieġ. Wara l-fażi tat-testijiet ta' dħul (fejn dan ikun il-każ), il-kompetizzjonijiet jinkludu diversi eżamijiet. Dawn l-eżamijiet ġeneralment isiru fi Brussell.

Fiċ-Ċentru ta' Evalwazzjoni, il-kandidati jiġu ttestjati permezz ta' mezzi adattati li jistgħu, matul il-kompetizzjoni, jinkludu dawn l-elementi li ġejjin:

- studju ta' każ fil-qasam meħtieġ;
- eżerċizzji dwar il-kompetenzi professjonali;
- preżentazzjoni orali;
- intervista strutturata (waħda jew iktar);
- eżerċizzju fi grupp;
- eżamijiet prattiċi fil-lingwa;
- test ta' raġunament verbali <sup>(5)</sup>;
- test ta' raġunament numeriku <sup>(5)</sup>;
- test ta' raġunament astratt <sup>(5)</sup>;
- test ta' valutazzjoni sitwazzjonali <sup>(5)</sup>.

Spjegazzjoni dettaljata ta' dawn l-elementi tingħata fil-manwal "Ċentru ta' Evalwazzjoni" li jiġi pprovdut lill-kandidati mistiedna biex jipparteċipaw f'dan l-istadju. Jekk jogħġbok ikkonsulta l-avviż tal-kompetizzjoni biex tkun taf l-elementi li se jintużaw fil-kompetizzjoni tiegħek.

L-informazzjoni kollha meħtieġa tiġi kkomunikata lilek permezz tal-kont EPSO tiegħek.

### 5.3. LISTA TA' RIŻERVA

Bħala riżultat tal-proċedura tal-kompetizzjoni, il-ġurija tistabbilixxi lista ta' riżerva li tiġbor fiha l-ismijiet ta' min ikun għadda mill-kompetizzjoni. Wara, din il-lista tintbagħat lill-istituzzjonijiet li huma l-uniċi entitajiet responsabbli mir-reklutaġġ. Jekk jogħġbok innota li dokument imsejjaħ "passaport ta' kompetenzi" u li jirreferi għall-prestazzjonijiet tiegħek fiċ-Ċentru ta' Evalwazzjoni jiġi trasmess lill-istituzzjonijiet u jkun jista' jintuża minnhom matul il-proċedura ta' reklutaġġ kif ukoll fl-aspett ta' żvilupp tal-karriera.

Il-lista ta' riżerva, kif ukoll id-data tal-iskadenza tagħha jiġu ppubblikati <sup>(6)</sup> f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fil-websajt tal-EPSO. F'ċerti każi, huwa possibbli li l-validità ta' din il-lista tiġi estiża. Id-deċiżjoni dwar l-estensjoni tiġi ppubblikata biss fuq il-websajt tal-EPSO.

## 6. INFORMAZZJONI ĠENERALI

### 6.1. TALBIET GĦAL INFORMAZZJONI

Fil-kuntest tal-proċeduri tal-kompetizzjonijiet, il-kandidati għandhom dritt speċifiku li jkollhom aċċess, fil-kundizzjonijiet deskritti 'l quddiem, għal ċerta informazzjoni li tirrigwardahom direttament u individwalment.

F'dan il-qafas, huwa possibbli li tikseb din l-informazzjoni:

- 1) *Il-fażi tat-testijiet ta' dħul fuq il-komputer*

#### Komunikazzjoni awtomatika

Ir-riżultati tiegħek tat-testijiet. Dawn ma juru la d-domandi u lanqas ir-risposti, iżda biss ir-referenza għar-risposti li tkun għażilt kif ukoll ir-referenza għar-risposti tajba.

Għandek tinnota li l-bażi tad-dejta tal-mistoqsijiet użati għal dawn it-testijiet hija amministrata totalment mill-EPSO, li huwa responsabbli mill-koerenza u l-integrità tal-kontenut tagħha. L-EPSO huwa meġġun minn kumitat konsultattiv interistituzzjonali li, b'mod partikolari, huwa responsabbli li jeżamina l-kummenti eventwali tal-kandidati fir-rigward ta' mistoqsijiet speċifiċi.

<sup>(5)</sup> Jekk ma jkunx saru fil-fażi ta' testijiet ta' ammissjoni, fejn xieraq.

<sup>(6)</sup> Fuq it-talba ta' persuna li tkun temmet il-kompetizzjoni b'suċċess, isimha ma jkunx ippubblikat. Din it-talba għandha tasal għand l-EPSO mhux aktar tard minn ġimgħatejn wara li ssir il-komunikazzjoni tar-riżultati.

2) *Fażi taċ-Ċentri ta' evalwazzjoni*

A. Komunikazzjoni awtomatika

Ħlief jekk titlaq matul l-eżamijiet, il-marki globali tiegħek skont il-kompetenza evalwata (kompetenzi speċifiċi fil-qasam u kompetenzi ġenerali) kif ukoll il-passaport tal-kompetenzi tiegħek.

B. Komunikazzjoni fuq talba biss

— Kopja tal-eżamijiet miktuba/prattiċi tiegħek.

It-talbiet għal informazzjoni għandhom jiġu indirizzati permezz tal-paġna ta' kuntatt tal-websajt tal-EPPO, mhux iktar minn għaxart ijiem kalendarji wara n-notifika tar-riżultati miksuba fil-kompetizzjoni.

It-talbiet jiġu trattati b'kunsiderazzjoni għan-natura sigrieta tax-xogħol tal-ġuriji stipulata fir-Regolament tal-Persunal (Anness III, Artikolu 6) u fir-rispett tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data ta' natura personali.

## 6.2. TALBIET GĦAL REVIŻJONI

Huwa possibbli li tintroduċi talba ta' revizzjoni f'dawn il-każijiet:

- fil-każ li EPPO ma jkunx irrispetta d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura tal-kompetizzjoni;
- fil-każ fejn il-ġurija ma tkunx irrispettat id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħidmiet tagħha.

Qed tingibidlek l-attenzjoni għall-fatt li l-ġurija għandha setgħa kbira ta' apprezzament fid-determinazzjoni tar-risposti tajbin jew ħżiena tiegħek. **Fin-nuqqas ta' żball ovvju fid-dritt jew fil-fatt, huwa inutli li tikkontesta l-punti tiegħek.**

Jekk it-talba tiegħek taqa' taħt il-kompetenza tal-ġurija, EPPO jibgħat l-ittra lill-president tal-ġurija biex jara x'inhi l-kompetenza tiegħu f'dan ir-rigward u tintbagħtlek tweġiba kemm jista' jkun malajr.

### Proċeduri

Għandek iddaħħal it-talba tiegħek, bir-raġunijiet validi, mhux iktar tard minn għaxart ijiem kalendarji mid-data meta tirċievi l-ittra elettronika li ġiet indirizzata lilek minn EPPO.

- jew permezz tal-formola ta' kuntatt ippubblikata fuq il-websajt tal-EPPO,
- jew bil-faks f'dan in-numru: (+32) 22979611.

### **Jekk jogħġbok indika fis-suġġett tal-ittra tiegħek:**

- in-numru tal-kompetizzjoni,
- in-numru tiegħek ta' kandidat,
- l-indikazzjoni "demande de réexamen", jew "request for review", jew "Antrag auf Überprüfung" (għażel),
- l-istadju (?) tal-kompetizzjoni kkonċernata (pereżempju: testijiet ta' dħul, nuqqas ta' dħul, ċentru ta' evalwazzjoni).

## 6.3. PROĊEDURI TA' APPELL

F'kull stadju tal-proċedura tal-kompetizzjoni, jekk tqis li EPPO jew il-ġurija ma mxewx b'mod ġust jew ma rrispettawx:

- id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura tal-kompetizzjoni, jew
- id-dispożizzjonijiet tal-avviż tal-kompetizzjoni

u li dan kien ta' ħsara għalik, tista' tirrikorri għal dawn il-mezzi li ġejjin:

(?) Dawn ir-referenzi għandhom jiġu indikati biss bil-DE/EN/FR.

- tressaq ilment **amministrattiv** fuq il-bażi tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea,

jew bil-posta f'dan l-indirizz li ġej:

European Personnel Selection Office (EPSO)  
Open competition EPSO/(ikkwota n-numru tal-kompetizzjoni)  
C-25  
1049 Brussels  
Belgium

jew permezz tal-paġna ta' kuntatt tal-websajt tal-EPSO.

#### **Jekk jogħġbok indika fis-suġġett tal-ittra tiegħek:**

- in-numru tal-kompetizzjoni,
- in-numru tiegħek ta' kandidat,
- ir-referenza “réclamation article 90, §2”, “complaint article 90 §2”, “Beschwerde Artikel 90, Absatz 2” (għażel),
- l-istadju <sup>(8)</sup> tal-kompetizzjoni kkonċernata.

#### **Qed niġbdu l-attenzjoni tiegħek għal diskrezzjoni wiesgħa li għandhom il-ġuriji tal-kompetizzjonijiet.**

**Huwa inutli li ddaħħal talba kontra deċiżjoni tal-ġurija li tieħu d-deċiżjonijiet b'mod indipendenti u li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu modifikati mid-Direttur tal-EPSO. Il-ġuriji tal-kompetizzjonijiet għandhom diskrezzjoni wiesgħa li hija biss suġġetta għal stħarriġ f'każ ta' ksur evidenti tar-regoli li jmexxu l-ħidmiet tagħhom. F'dan il-każ tal-aħħar, id-deċiżjoni tal-ġurija tal-kompetizzjoni tista' tiġi attakkata direttament quddiem imhalled tal-qrati tal-Unjoni Ewropea mingħajr ma ssir talba minn qabel skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.**

- tintroduċi **kawża** fuq il-bażi tal-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej quddiem:

European Union Civil Service Tribunal  
Boulevard Konrad Adenauer  
2925 Luxembourg  
Luxembourg

Jekk jogħġbok innota li r-rikors dwar żball matul it-testijiet ta' dħul, jew kemm fuq żball ta' evalwazzjoni dwar il-kriterji ġenerali ta' dħul, li ma jaqawx taħt l-awtorità tal-ġurija tal-kompetizzjoni, jkun u jistgħu jiġu ppreżentati fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku biss jekk talba amministrattiva tiġi introdotta qabel skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, skont il-kundizzjonijiet deskritti taħt dan il-punt.

Għad-dettalji dwar kif għandek tressaq il-kawża għandek tikkonsulta l-websajt tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea: [http://curia.europa.eu/jcms/jcms/T5\\_5230](http://curia.europa.eu/jcms/jcms/T5_5230).

Għal dawn iż-żewġ tiġi ta' proċeduri, il-limiti ta' żmien previsti (irreferi għar-Regolamenti tal-Persunal emendati bir-Regolament tal-Kunsill Nru 723/2004 (KE, Euratom) tat-22 ta' Marzu 2004 ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 124 tas-27 ta' April 2004 — <http://eur-lex.europa.eu>) jibdedw jgħoddu minnotika tal-att li allegatament jippreġudika l-interessi tiegħek.

<sup>(8)</sup> Dawn ir-referenzi għandhom jiġu indikati biss bil-DE/EN/FR.

#### 6.4. ILMENT LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

Bħaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea, tista' tippreżenta lment lil:

European Ombudsman  
1 avenue du Président Robert Schuman  
CS 30403  
67001 Strasbourg Cedex  
France  
<http://www.ombudsman.europa.eu/media/mt/default.htm>

Qed tingibidlek l-attenzjoni għall-fatt li lmenti lill-Ombudsman ma jinterrompux il-limitu ta' żmien previst mill-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-preżentazzjoni ta' ilmenti jew ta' appell quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Bl-istess mod, għandek tiftakar ukoll li, skont l-Artikolu 2(4) tal-Kundizzjonijiet Ġenerali li jirregolaw it-twet-tiq tal-obbligi tal-Ombudsman, **kull ilment ippreżentat lill-Ombudsman għandu jkun preċedut b'ap-proċċ amministrattiv xieraq lill-istituzzjonijiet u korpi kkonċernati.**

#### 7. REKLUTAĠĠ

Il-fatt li ismek ikun fil-lista ta' riżerva jindika li inti tista' tissejjaħ minn istituzzjoni biex issirlek intervista, iżda mhuxwix la dritt u lanqas garanzija ta' reklutaġġ minn istituzzjoni.

Skont ir-Regolamenti tal-Persunal, f'konformità mad-dispożizzjonijiet statutorji, u skont il-ħtiġijiet tas-servizzi u jiddependi fuq il-qagħda baġitarja. Dan ir-reklutaġġ isir fil-grad imsemmi fl-avviż tal-kompetizzjoni.

Skont in-natura tal-impjeg, jista' jkun li inizjalment, jekk tirnexxi fil-kompetizzjoni, issirlek proposta ta' kuntratt ta' aġent temporanju. F'dan il-każ, ismek jibqa' jidher fil-lista ta' riżerva.

Ir-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi l-possibbiltà li f'kwalunkwe mument tal-karriera tiegħu, uffiċjal jista' jitlob trasferiment għal istituzzjoni jew aġenzija oħra. Madankollu għandek tinnota li, b'kunsiderazzjoni tal-interess tas-servizz, it-trasferiment ta' uffiċjali li jkunu għadhom kemm ġew impjegati, qabel l-iskadenza ta' mill-anqas tliet snin wara d-dħul tagħhom fis-servizz, mhux possibbli għajr f'każijiet eċċezzjonali u għal raġunijiet debitament iġġustifikati, b'kull każ individwali li jitressaq għall-approvazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-aġenzija minn fejn ikun impjegat u tal-istituzzjoni jew aġenzija fejn ikun se jiġi trasferit.

#### 8. MIXXELLANJI

Għal aktar informazzjoni dwar il-punti li ġejjin ikkonsulta l-websajt tal-internet tal-EPPO:

- ħlas lura tal-ispejjeż ta' vjaġġar tal-kandidati;
  - opportunitajiet indaqs;
  - protezzjoni tad-dejta;
  - salarju u benefiċċji tas-sigurtà soċjali.
-







## REVIŻJONI TAL-ĠU C A "KOMPETIZZJONI"

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

5	(FR)
9	
19	(FR)
23	(DE/ES/PT)
28	
48	
53	
56	
57	

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

